## Laqgha Numru 13/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tlettax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Settembru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-2.30 pm.

Prezenti: Il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard, Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit kien skuzat minhabba mard filwaqt li l-Kunsillier Carmela Attard waslet tard.

Fin-nuqqas tas-Sindku, l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppresieda l-laqgha.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-30 t'Awissu 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 12 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Road Resurfacing.**
5. **Upgrading tas-sit bejn Triq Luigi Billion, Fortizza u Burma.**
6. **Il-Progett tal-White Rocks Holiday Complex.**
7. **Il-Kuntratt ta' l-Ghaqdiet sportivi.**
8. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
9. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K3/2000.

1.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchnio ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 12/K3/2000.

1.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghadda ghall-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-3 t'Awissu u s-6 ta' Settembru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/0516/00/I | Ittra minghand il-Med Design Consultants rigward l-upgrading ta' Burma Road . |
| 46/0517/00/I | Ittra minghand Cutajar & Abela Advocates rigward l-entratura ta' Pembroke Battery taht Plot 11, Triq Dun Luigi Rigord. |
| 46/0518/00/I | Ittra minghand Grech Hyzler Tortell & Co rigward kawza ta' libell vs M. Causon u Fr. Noel Grima . |
| 46/0539/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-approvazzjoni ghat-tigdid tal-hatra tas-sur Kevin Borg bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. |
| 46/0540/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward Memo 55/2000 – Local Enforcements System tal-Local Wardens. |
| 46/0542/00/I | Ittra minghand Sedqa fejn talbu li jaghmlu appuntament halli jkunu jafu x'inhuma l-bzonnijiet tan-nies tal-lokal taghna. |
| 46/0545/00/I | Ittra minghand l-ETC b'lista ta' persuni ghall-interviews ghal-full time clerk. |
| 46/0551/00/I | Quotation minghand MSD ghat-twahhil ta' Earth Electrodes gewwa Pembroke. |
| 46/0552/00/I | Ittra minghand l-W.S.C ta' copy of letter of acceptance li baghtu li MSD rigward xoghol ta' trenching fi Triq Don Luigi Rigord. |
| 46/0558/00/I | Ittra minghand Med Design Consultants rigward Burma – Fortizza – Billion Upgrading. |
| 46/0562/00/I | Kopja ta' l-ittra li baghtu l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali lill-Kunsill Lokali Gudja rigward Centri Sportivi. |
| 46/0564/00/I | Press Release minghand il-Ministeru ghas-Servizzi Ekonomici dwar ir-rejazzjoni tas-Settur Kummercjali ghan-North Harbours Local Plan. |
| 46/0565/00/I | Ittra mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward l-agenda ta' l-laqgha tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp li ser issir nhar il-11 t'Awissu 2000. |
| 46/0575/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp. |
| 46/0594/00/I | Ittra bl-avukat minghand is-sur Salvatore Muscat ta' Plot 12 Don Luigi Rigord rigward l-istat tat-triq vis-à-vis il-Progett ta' Pembroke Battery. |
| 46/0609/00/I | Kopja t'ittra li l-Ministeru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali baghat lic- |

Chairman tal-Kumitat Kongunt dwar il-problema tal-Gwardjani Lokali.

| | |
|---|---|
| 46/0610/00/I | Ittra minghand il-Maltacom biex jghinuna nqassmu newsletter lir-residenti b'informazzjoni fuq il-Maltacom u fuq il-lokal taghna. |
| 46/0612/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'lista t'applikazzjonijiet godda ta' zvilupp. |
| 46/0624/00/I | Ittra minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-laqgha ghas-Sindki u l-Vici Sindki nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2000 f'Ghawdex. |
| 46/0625/00/I | Ittra minghand Mr. Neville Pace rigward it-tibdil ta' l-isem tat-triq li se jgib inkonvenjent lir-residenti. |
| 46/0626/00/I | Ittra minghand Mr.George Galea b'lista ta' firem ta' residenti li ma jaqblux ma' tibdil ta' l-isem tat-triq. |
| 46/0630/00/I | Ittra minghand Mr.Simon Azzopardi rigward il-problema tal-bdil ta' l-isem tat-triq. |
| 46/0633/00/I | Ittra mid-Dipartiment tal-WSC b'lista ta' water services li twahhlu jew gew mibdula gewwa Pembroke. |
| 46/0638/00/I | Ittra minghand Mr.David Spiteri biex niehdu hsieb Triq Camillo Schiberras fejn hemm hofra li fix-xitwa tista' tikber aktar. |
| 46/0640/00/I | Ittra minghand Miss Ritianne Tabone titlob sponsor ghall-Miss Maltese Islands Contest. |
| 46/0643/00/I | Ittra minghand il-Fondazzjoni Oasi biex jgharfuna li ser jorganizzaw iz-Zaghzugh/a tas-Sena 2000. |
| 46/0646/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'lista t'applikazzjonijiet godda ta' zvilupp. |
| 46/0647/00/I | Lista minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp. |
| 46/0658/00/I | Ittra minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar "The Short and Medium-term priority environment action programme SMAP/Euro Mediterranean Partnership". |
| 46/0662/00/I | Ittra minghand Island Microlight Club jitolbu sponsor ta' Lm 50.00 ghall-Community Cest Fund bhala sponsor ghat-titjira li ser jaghmlu mil-Ingilterra sa l-Awstralja. |
| 46/0664/00/I | Kwestjonarju minghand il-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh rigward il-problema ta' l-alkahol. |
| 46/0665/00/I | Ittra minghand l-ETC b'lista ta' ismijiet ghall-interview ta' Full-Time Clerk. |
| 46/0678/00/I | Ittra minghand il-Kunsill Lokali ta' Rabat jitolbu l-appogg tal-Kunsill ghat-talba taghhom biex il-venda tal-karozzi tal-linja terga' tmur fejn kienet. |
| 46/0681/00/I | Ittra minghand il-Maltacom b'sample tal-leaflets li qed jipproponu li jaghmlu mal-Kunsilli Lokali |
| 46/0690/00/I | Ittra minghnd it-Traditions and Craft of Malta rigward attivita' li ser jaghmlu ghall-anzjani. |
| 46/0696/00/I | Memo 58/2000 – Pubblikazzjoni t'avviz legali li jemenda r-regolamenti dwar proceduri ghall-Kunsilli Lokali. |
| 46/0710/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'applikazzjonijiet ghall-permessi ta' zvilupp. |
| 46/0713/00/I | Ittra minghand l-AKL rigward hatra ta' Kunsillier fuq il-Kunsill Malti ghal-isports. |
| 46/0721/00/I | Ittra minghand l-AKL rigward kumitat ghat-Turizmu fi hdan l-AKL. |
| 46/0723/00/I | Ittra minghand l-AKL rigward spejjez involuti ghall-facilita ta' connectivity mal-MITTS. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0723/00/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li jekk huwa possibbli jigi ccarat jekk il-velocita offruta ghal-connectivity hiex il-massimu li qed jigi offrut fis-suq mill-Maltacom.

3.3. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0721/00/I** il-Kunsillier Ray Pace wera' interess li jkun nominat ghal-kumitat ghat-turizmu fi hdan l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

3.4. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0710/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghamel riferenza ghal-applikazzjonijiet 04534/00 u 04539/00 fejn ppropona li minhabba l-fatt li l-Kunsill m'ghandu l-ebda nformazzjoni li l-art hija privata u ghaldaqstant min applika jidher li m'ghandux titlu fuq l-art, il-Kunsill ghandu joggezzjona ghal dawn l-applikazzjonijiet.

3.5. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.7. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0690/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda li l-Kunsillier Carmela Attard tiehu hsieb biex tinforma lil xi anzjani biex tara min huwa nteressat li jattendi ghall-attivita' li ser issir ghall-anzjani.

3.8. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0681/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghall-proposta tal-Maltacom biex jibda jigi ppublikat leaflet pubblicitarju tal-Maltacom li jkun jinkludi nformazzjoni dwar il-Kunsill liema pubblikazzjoni wara titqassam bieb bieb mill-Kunsill.

3.9. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/665/00/I** il-Kunsillier Ray Pace rrimarka li ghalkemm ma kellux oggezzjoni li l-ETC gie nfurmat li hadd minn dawk intervistati ma nstab li huwa addattat ghall-impjieg mal-Kunsill, il-kelliem qal li decizjoni dwar dan kellha titiehed mill-Kunsill.

3.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li jekk hadd ma kien ser ikun kapaci ghal-post li qed jigi offrut, il-Kunsill kien ser jitlob lill-ETC biex jintalab il-permess u tinhareg sejha pubblika. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kienet saret decizjoni f'dan is-sens.

3.13. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab lill-Kunsilliera prezenti biex jekk jahsbu li kien hemm xi hadd min dawk intervistati li jista' jkun kapaci ghal-vakanza offruta, ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex jibghat ghalih u jsir interview iehor ma' dawk li ser japplikaw godda. Il-kelliem fakkar li l-Kunsilliera kollha kienu gew infurmati li kienu ser isiru l-interviews ghalkemm hadd mill-Kunsilliera ma' seta' jattendi minhabba xoghol ghajr is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jirrikonoxxi r-rakkomandazzjonijiet tas-Sindku.

3.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0664/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab lill-Kunsillier Pierre Cordina biex jiehu hsieb jimla' l-kwestjonarju li nbaghat mill-Kunsill Nazzjonali ghaz-Zghazagh dwar il-problema ta' l-alkahol.

3.15. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0662/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jinghata sponsor ta’ Lm 50.00 ghall-attivita’ li qed issir bhal gbir ta’ fondi ghall-Community Chest Fund. Il-kelliem ppropona wkoll li n-nefqa ghandha tinhareg mill-Vot tar-restawr ta’ Pembroke Battery u dan bhala parti mill-promozzjoni tal-Progett tar-Restawr tal-Batterija. Il-kelliem qal li kien jaqbel ukoll ma’ l-attivita’ minhabba l-fatt li minn ser jaghmel l-attivita’ huwa mill-lokal kif ukoll li l-klabb li qed jorganizza l-attivita’ huwa r-registrat f’Pembroke.

3.16. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0658/00/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li l-Vici Sindku Paul Baldacchino ghandu jimla l-applikazzjoni mibghuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward “The Short and Medium-term priority environment action programme SMAP/Euro Mediterranean Partnership” specjalment fejn jirrigwardja riabilitazzjoni tal-kosta.

3.19. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0647/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ghamel riferenza ghall-applikazjoni 03174/00 fejn ppropona li l-Kunsill ghandu joggezzjoni ghal-bini propost minhabba l-fatt li dan ma jaqbilx ma’ l-ambjent ta’ madwar.

3.20. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino sekonda.

3.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0640/00/I** il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill ihallas is-somma ta’ Lm 30.00 bhala sponsor tas-sinjorina Ritanne Tabone biex tkun tista’ tirraprezenta lill-lokal fil-kuntest tal-Miss Maltese Islands.

3.23. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.25. Il-Kunsillier Carmela Attard inghaqdet fil-laqgha fl-4.00 pm.

3.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0633/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Onorevoli Ministru Joseph Bonnici fejn jintalab jintervjeni biex tissolva darba ghal dejjem il-problema ta’ xoghol ta’ reinstatement fuq xoghol ta’ WSC fil-lokal ta’ Pembroke specjalment fejn jirrigwarda toroq li nghataw wicc gdid kif ukoll l-area fejn kien sar main ta’ l-ilma tal-plastic fostom Triq Gio Felice Nglott u Gavino Ignazio Bonavita. Il-kelliem ppropona wkoll li fl-ittra ghandu jkun hemm indikazzjoni ghal-hsara li qed isir lit-toroq minhabba li hemm l-ilma dejjem hiereg.

3.27. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.29. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0609/00/I** il-Kunsill qabel unanimament li fil-laqgha li jmiss tigi diskussa l-problema tal-Gwardjani Lokali vis-à-vis il-protesta li qed jaghmel il-Kunsill fejn qed juza s-servizz ta’ siegha wahda fil-gimgha u dan minhabba l-fatt li s-Sindku Joe Zammit li huwa r-raprezentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat kongunt m’hux prezenti.

3.30. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0594/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jinforma lill-Avukat Dr Joe Zammit Maempel biex

jirrispondi l-ittra li kiteb l-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghan-nom tas-sur Salvatore Muscat ta' Plot 12 Triq Don Luigi Rigord rigward il-problema tat-triq.

3.31. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0575/00/I** il-Kunsilier Ray Pace rrakkomanda li l-Kunsill ghandu jikteb lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u lill-Iskola biex iforni lill-Kunsill b'kopja tal-pjanti li qed jigu proposti ghat-tkabbir ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo.

3.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0564/00/I** il-Vici Sindku Paul Balddachino ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo fejn jintalab il-kummenti tieghu vis-à-vis in-North Harbour Plan fejn jikkoncerna Pembroke.

3.35. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0518/00/I** il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u s-Sindku Joe Zammit ghandhom jiltaqghu ma' l-Avukat Dr. Joe Zammit Maemple biex jaraw xi zviluppi kien hemm dwar il-kawza ta' libel li l-Kunsill kien ghamel kontra s-sur Mark Causon u l-Editur tal-Malta Independent Daily u dan wara li l-ittra li kien talab il-Kunsill bhala kjarifika kienet giet ippublikata.

3.38. Il-Kunsill rega sostna li l-kawza nfethet mil-Kunsill fuq bazi ta' Kunsill fejn l-ex Sindku Gino Cauchi u s-Segretarju Ezekuttiv qed jirraprezentaw lill-Kunsill kif titlob il-ligi u mhux kif gie nterpretat mil-ex Sindku Gino Cuachi li qed jinsisti li l-kawza qed tghajjat lilu personalment.

3.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0517/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Avukat Dr. Joe Zammit Maempel biex jaghmel kuntatt mad-Dipartiment tax-xogholijiet u jinfurmhom bl-ilment tar-resident li joqghod Plot 11 Triq Don Luigi Rigord u dan vis-à-vis il-progett ta' Pembroke Battery.

3.40. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Road Resurfacing.

4.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jaghti rendikont ta' f'ghiex wasal il-process tar-road resurfacing.

4.2. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghadha ma hargietx il-letter of acceptance lill-Kuntrattur Penza Construction biex ikun jista' jinbeda x-xoghol. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien f'kuntatt kontinwu mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma biex kemm jisrta' jkun tohrog malajr.

4.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-ministru koncernat fejn jintalab jintervjeni biex jithaffef il-process halli jkun jista' jinbeda x-xoghol u dan biex jittaffa l-inkonvenjent lir-residenti.

4.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.6. Wara diskussjoni dwar l-installazzjoni ta' l-Earth Electrodes, il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-kumpanija J & K Construction biex jinstallaw l-earth Electrodes f'dawk id-djar fejn ser isir it-tarmac u dan ghas-spejjez ta' l-istess residenti. Din il-proposta qed issir minhabba li xoghol precedenti mil-istess kuntrattur kien sodisfacenti.

4.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.8. Il-Kunsill qabel unanimment.

4.9. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit biex jaghmel stima ta' kemm tiswa biex isir pipe tal-plastic minn taht il-bankina bhala preparazzjoni ghal installazzjoni gdida tad-dwal. Ill-kelliem ppropona li ghandha tinkiteb ittra lill-Enemalta biex dawn jibdlu s-sitema tad-dawl f'dawk it-toroq li ser issr it-tarmac u dan biex jitwahhlu arbli qosra u jitnehhew il-lampi minn mad-djar residenzjali kif ser isir madwar Pembroke Battery.

4.10. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda li l-item dwar Road Resurfacing ghandha terga tkun item fuq l-agenda fil-laqgha li jmiss.

## 5. Upgrading tas-Sit bejn Triq Luigi Billion, Fortizza u Burma.

5.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ressaq sett ta' pjanti kif proposti mil-Perit MED Design Consultnts Ltd.

5.2. Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ray Pace ppropona li s-sit li hemm bejn Triq Luigi Billion, Triq Fortizza u Triq Burma ghandu jigu skond il-pjanta annessa nkluz li ssir applikazzjoni lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li x-xoghol isir waqt li jkun ghaddej il-progett tar-road resurfacing, li minn taht il-bankina jghaddu pajpijiet ghal-arbli tad-dawl kif ukoll li xoghol isir mil-kumpanija Penza Construction bhala varjazzjoni tax-xoghol diga allokat. **( Ara Appendici A )**

5.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

5.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. White Rocks Holiday Complex.

6.1. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Onorevoli Ministru M. Refalo fejn dan jintalab li jikkonsulta lill-Kunsill f'kull process u dan qabel ma jintghazel il-konsorzju li jkun ser jigi mqabbad biex jaghmel ix-xoghol u dan skond kif jitlob l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

6.2. Il-Vici Sindku Paul Baldcchino ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Il-Kuntrat ta' l-Ghaqdiet Sportivi.

7.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob kemm lill-Kunsill Malti ghal-Isports kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari Jesmond Mugliette biex jiprovdi kopja tal-kuntratti kollha li saru ma' l-ghaqdiet li ser jinghataw xi tip ta' titlu fil-lokal. Il-kelliem ppropona wkoll li l-Kunsill ghandu wkoll ikun infurmat permezz ta' pjanti dwar is-sit li jkun inghata kif ukoll jekk hemmx xi kundizzjonijiet specjali.

7.2. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzjoni tal-kontijiet.

8.1. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-kont tal-WMSID fejn jikkoncerna knis tat-toroq ghandu jithallas biss 40% minnu.

8.2. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

8.3. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Ray Pace, Pierre Cordina u Carmela Attard vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Paul Baldacchino astjena u dan minhabba l-fatt li qal li sar sforz biex isir ix-xoghol mitlub.

8.4. Il-Mozzjoni ghaddiet.

8.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet ghajr il-kont tal-Malta Playing Field Association li ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss. **( Ara Appendici B )**

8.6. Il-Kunsllier Ray Pace ssekonda.

8.7. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Materji Ohra.

9.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex ghall-laqgha li jmiss jinforma lill-Kunsilliera bid-data ta' l-iskadenza tal-kuntratti kollha li ghandu l-Kunsill.

9.2. Is-Segreatrju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien twehhel il-fence li jdawwar il-Verdala International School u dan sar bhala parti mil-progett ta' Triq Cassino. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li t-tindif tat-triq il-gdida ser jibda jsir mil-Gvern Centrali bil-machanical sweeper.

9.3. B'riferenza ghall-ittri li l-Kunsill rcieva dwar l-ismijiet tat-toroq gie deciz li l-Ministru Tonio Borg jigi nfurmat bl-ittri kollha li rcieva l-Kunsill fejn jigi notifikat b'dawk l-ittri li waslu tard.

9.4. B'riferenza ghal-PLC 46/0580/00/O/43 dwar it-talba tal-Kunsill biex jkun hemm emendi fil-konfini tal-Kunsill liema ittra kellha terminu ta' skadenza sad-9 ta' Settenmbru 2000, il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jekk sad-data ndikata l-Kunsill ikun ghadu minghajr twegiba l-Kunsill ghandu jitlob lill-Avukat Dr Joe Zammit Maemple biex jaghmel protest gudizjarju kontra l-partijiet koncernati.

9.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.7. Il-Kunsillier Ray Pace prezenta numru ta' vettura BAA 309 li qed ikun fil-lokal u jaghmel hafna storbju bil-horn tal-vettura tieghu.

9.8. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li jekk ma jkollux l-informazzjoni kollha mehtiega kif stipulat fil-laqghha precedenti hu ma jkunx jista' jiehu passi biex jikteb lill-persuni koncernati.

9.9. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinkitb ittra ufficcjali lill-Kummaissrju tal-Pulizija biex jiehu azzjoni dwar l-ilmenti tal-Kunsill vis-à-vis hawkers.

9.10. Il-Kunsillier Ray Pace staqsa jekk kienx hemm zviluppi dwar id-dawl tal-gnien.

9.11. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino informa lill-Kunsill li kien gab zewg kwotazzjonijiet biex isir id-dawl tal-gnien.

9.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jhallas il-kont li hemm pendenti ma' l-MSD fejn wara jitlob kwotazzjoni lill-MSD biex ikunu jistghu jaghmlu x-xoghol u dan minhabb l-fatt li ser ikun impossibbli finanzjarjament li x-xoghol isir mil-privat minhabba l-prezzijiet gholja li qed jintalbu mil-privat.

9.13. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv fix-xoghol l kellu jsir fil-gnien fosthom it-tiswijja tal-bandli u l-pavings block. Il-kelliem irraporta wkoll li kien hemm ilma hiereg minn Triq Napuljun Tagliferro ghal gewwa l-bitha tal-gnien.

9.14. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Vici Sindku Paul Baldacchino li rigward il-manutenzjoni tal-bandli kien ghamel kuntatt mas-sur Gerald Bilocca tal-MPFA fejn dan infurmah li kien ser jiehu azzjoni, fir-rigward tal-paving blocks kien diga ta ordni lill-Kuntrattur J & K Construction filwaqt li rigward l-ilma kienu diga saru diversi rapport bit-telefon lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

9.15. Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ray Pace ppropona li tintalab kwotazzjoni lill-MSD skond struzzjonijiet tax-xoghol li hemm bzonn kif indikati mil-Vici Sindku Paul Baldacchino u wara jekk il-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni qabel jinbeda x-xoghol isir il-hlas tal-kont pendenti.

9.16. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.18. Is-Segretrju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-haddiem tal-Gvern assenjat mal-Kunsill ma jidhirx li kien ser jigi lura w'ghalhekk anke fid-dawl tal-progetti tal-Kunsill li qed jaghmel biex isebbah diversi siti, irrakkomanda li l-Kunsill jibda jahseb biex johrog tender gdid ghal-handyman iehor liema persuna jew kunpanija ghandu jkun kapaci jnaddaf il-latrini u jiehu hsieb il-gonna fost ohrajn. Il-kelliem qal li kien qed jirrkkomanda dan biex ladarba l-Gnien ta' Falaise ikun lest mhux jithalla abbandunat u zdingat kif kien gralhom diversi postijiet ohra ghal zmien twil.

9.19. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kien jaqbel mar-rakkomandazzjoni ghalkemm irid isir studju sew qabel tinhareg it-tender.

9.20. Il-Laqgha ntemmet fil-5.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2000 fis-2.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Baldacchino** | **Kevin Borg** |
| **Vici Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |